# IL-PARATA

*Studju ċkejken ta'* IVO MUSCAT AZZOPARDI

ILNI ħafna nħewden biex nikteb kelmtejn fuq "Il-Parata", u hekk il-poplu jkun jaf xi ħaġa fuqha, imma l-aktar għax iżjed ma mmorru 'l quddiem u nirfinaw (jew naħsbu li qegħdin nirfinaw imma fil-fatt sejrin lura bħall-granċ) għad jiġi żmien meta din il-wirja tgħib għalkollox minn fostna u dan qed naħsbu għax ġa sar tibdil kbir fiha l-aktar fl-ilbies li, nistgħu ngħidu, ma għadu jixbah xejn lil dak taż-żmenijiet l-imgħoddija.

Il-kittieba li minnhom ħadt xi tagħrif huma George Percy Badger (1858), Ċensu Busuttil (1894) u Sibella Bonham Carter (1946) li kitbet xi ħaġa fil-"Journal of the English Folk Dance and Song Society". Din ta' l-aħħar kitbet kulma kien qalilha Ninu Cremona fl-1929.

**NISEL:**

Il-Parata hija żifna kommemorativa li tfakkarna fir-Rebħa tal-Maltin fuq it-Torok u hija aktarx adattament ta' żifna oħra li daħlet Malta fl-1535 (jiġifieri ħames snin wara l-wasla tal-Kavalieri ta' San Ġwann f'Malta) meta sar il-Karnival l-ewwel darba fi żmien il-Grammastru Pietro del Ponte u ż-żifna oriġinali aktarx ġibuha magħhom il-Kavalieri minn Rodi, anzi jeħtieġ li nfittxu n-nisel tagħha wisq iżjed fil-bogħod għax fil-ktieb fuq Malta miktub minn wieħed vjaġġatur mhux magħruf (*Malte par un voyager François*) l-awtur* ixebbaħha ma' festa popolari qadima bosta li kienet issir fit-Tessalja, jiġifieri *Is-Salzea* tal-*Babiloni*, *Il-Kronja* ta' l-*Ateni* u *s-Saturnalja* tar-*Rumani*.

**KOSTUMI:**

Il-Kostumi li għandhom jintużaw—u kif sa ftit ilu kienu jintużaw skond ritratt li għandi f'idejja u li ngħożż bosta—huma dawk tal-Kavalieri, fosthom il-Grammastru, u ta' suldati Torok, kollha b'injama f'idejhom forma ta' xabla u b'targa quddiem sidirhom, u, ma għandna xi ngħidu xejn, il-*Għarusa tal-Parata* (tifla ċkejkna liebsa b'lussu u li tkun taf tixħet il-bews lill-poplu bl-akbar ħlewwa u grazzja).

---

* L-awtur ta' dan il-ktieb, kif inhu magħruf il-lum, kien il-Kavalier de St Priest.

**TIFSIRA:**

Il-għan ewlieni tal-Parata hija żifna li tfakkarna fir-Rebħa tal-Maltin fuq it-Torok u fiż-żmenijiet l-imgħoddija l-Karnival kien jiftaħ sewwa sew bil-Parata meta dawk li jieħdu sehem fiha (li kienu l-organizzaturi tal-Karnival) kienu jmorru għand il-Grammastru fil-Palazz tiegħu l-Belt u jitolbuh il-permess biex isir il-Karnival.

Din it-talba kienet tiġi meħuda minn wieħed Kavalier lill-Grammastru u malli dan jagħti l-permess meħtieġ, il-Karnival kien jibda billi tinżifen il-Parata fil-Pjazza u wara kienu jmorru ġirja mal-Belt biex itennu ż-żifna quddiem id-djar ta' dawk l-għonja li kienu jkunu lesti biex jagħtuhom xi flus.

Il-lum id-dinja tbiddlet: Is-sena l-oħra l-Kostumi ma kienu xejn adattati għaċ-ċirkostanza, in-nies tal-Parata ma għadhomx jitolbu l-flus lill-għonja u jridu jdaħħlu l-ispejjeż mill-flus li jiddubbaw mit-triqat u s-sussidju li jagħtihom il-Kumitat tal-Karnival. Flok ħafna kumpannijiet toħroġ waħda biss u bit-tqanżiħ u... minħabba fit-traffiku (għax issa flok il-kalessi li jimxu tlikki tlikki għandna l-*motor cars* li jsuqu—meta n-nies jagħtuhom iċ-ċans — bil-20 mil fis-siegħa wkoll ġo l-ibliet), il-Parata ma jħalluhiex tiżfen ħlief f'xi ftit postijiet (Pjazza Reġina, quddiem Kastilja, eċċ.).

**IŻ-ŻIFNA:**

Il-Parata, li għandha tliet taqsimiet u final, suppost li jieħdu sehem fiha tletin ruħ imma aktarx tinżifen minn erbgħa u għoxrin ruħ biss, jiġifieri 12 lebsin ta' Torok (l-għedewwa) u 12 ta' Suldati Maltin (ir-rebbieħa) li jirrappreżentaw il-Kavalieri.

Barra dawn, jieħdu sehem ukoll erbgħa min-nies, b'lasti twal b'bandiera mwaħħla magħhom, li jiffurmaw kwadrat (erba' kantunieri) biex fl-ispazju tiegħu ssir iż-żifna. L-Organizzatur suppost liebes ta' Grammastru jiddirieġi ż-żifna permezz ta' suffara. Barra minn dawn, ikun hemm l-Għarusa.

Il-pożizzjoni taż-żeffiena fit-tliet taqsimiet hija dejjem l-istess, jiġifieri t-12-il Malti fiċ-ċirku ta' barra, b'daharhom iħares lejn il-pubbliku (li jinġabar madwar iż-żeffiena forma ta' kagħka biex jara ż-żifna) u t-12-il Tork fiċ-ċirku ta' ġewwa, iħarsu lejn il-pubbliku, jiġifieri tnax-il koppja u kull wieħed mill-24 żeffiena għandu jkollu f'idu xabla ta' l-injam.

(a) *L-ewwel taqsima tissejjaħ "LIXXA"* u l-passi u t-taħbit ma' xulxin tax-xwabel ta' kull koppja jsir hekk. Wara kull żewġ taħbitiet (waħda kull naħa tax-xabla) issir waqfa żgħira li tissejjaħ "finta" u warajha żewġ taħbitiet oħra. Imbagħad innies taċ-ċirku ta' barra jagħtu pass 'il quddiem għal-lemin, fil-waqt li dawk taċ-ċirku ta' ġewwa jagħtu pass lejn ix-xellug u b'hekk jiġi li kull koppja tbiddel l-avversarju tagħha u mad-daqq tal-mużika tibqa' sejra d-dawra sakemm l-avversarji jerġgħu jiltaqgħu quddiem xulxin.

(b) *Il-tieni taqsima tissejjaħ "IŻ-ŻEWĠ FAĊĊATI"*. Din trid tinżifen b'għaġla aktar u bla ebda waqfien jiġifieri: ħabta waħda ma' l-avversarju, pass 'il quddiem biex jintlaħaq l-avversarju l-ieħor, taħbita max-xabla tiegħu u lura għal quddiem l-ewwel avversarju. Imbagħad taħbita oħra ma' dan, pass u taħbita mat-tieni, u pass u taħbita mat-tielet; imbagħad pass lura biex jintlaħaq it-tieni avversarju. Nispjega b'ittri dan il-moviment: A ma' B; A ma' C; A ma' B; A ma' C u A ma' D; imbagħad A ma' C, eċċ., eċċ.

(ċ) *Il-tielet taqsima tissejjaħ "TA' FUQ U ISFEL"*. Din it-taqsima trid issir iżjed bil-għaġla mit-tieni waħda. Taħbita ta' A ma' B u warajha waqfa; pass 'il quddiem. Imbagħad taħbita ta' A ma' C u waqfa; pass lura u taħbita A ma' B; waqfa eċċ. F'kelma waħda pass 'il quddiem, pass lura, tnejn 'il quddiem u wieħed lura, eċċ.

(d) *IL-FINAL*. Iż-żifna tintemm bi kwadru finali li juri t-Torok mirbuħin jinżlu għar-rkobbtejhom quddiem il-Kavalieri u dawn iqegħdulhom ix-xabla fuq rashom. Imbagħad il-*għarusa tal-parata* tiġi murija lill-pubbliku fuq palkett u hija, bi ħlewwa liema bħalha, titfa' l-bews lin-nies, fil-waqt li l-organizzaturi jibdew jiġbru xi sold għall-ispejjeż.

**IL-MUŻIKA:**

Ebda mużika speċjali ma nkitbet s'issa għall-parata u ġeneralment iż-żifna tindaqq bl-akkumpanjament ta' *one step*, jew marċa u l-aħjar galopp. Ta' spiss tindaqq "Il-Marenga" u naħseb li l-*ballet* ta' l-opra "Orpheus" ta' Gluck hija adattata ħafna. Il-mużika suppost li tindaqq minn xi ħames vjolini u tanbur u mhux bi strumenti tar-riħ, u fiż-żmenijiet tal-lum iċ-ċerimonja tagħlaq bid-daqq ta' l-Innu Malti u l-"God Save The Queen".